MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 606/2007

**Joseph Axisa (I.D. 347846M) u Shaun Axisa**

**vs**

**Calcidiono Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, sitt mija, tnejn u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€1,692.17), rapprezentanti danni f'diversi hwejjeg immobli. Billi fil-11 ta' Settembru, 2003 fil-Marsa, ghal habta tal-4.00p.m, il-konvenuti hebbew ghall-attur Joseph Axisa sabiex jingurjaw, idejqu u jaghmlulu hsara u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, qalu kliem oxxen u fahxi li jikkonsistu f'dagha fil-pubbliku u kkagunaw danni f'diversi hwejjeg mobbli ta` l-atturi, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1,459.24), u dan inkwantu

ghal seba' mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin centemzi (€791.99) rapprezentanti l-valur ta' katina tad-deheb li ma nstabitx wara l-incident, mija u erbgha u tmenin Euro u zewg centezmi (€184.02) hsarat ikkagunati fin-nuccali ta` l-attur, hamsa u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmi (€45.42) spejjez inkorsi mill-attur ghas-servizzi medici, mija u tnax-il Euro u hamsin centezmi (€112.50) ghal kiri ta' vettura, mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€194.85) rapprezentanti hsarat ikkagunati f'*windscreen* tal-vettura misjuqa mill-attur, tlieta u disghin Euro u sbatax-il centezmi (€93.17) ghat-tapizzar, u in kwantu ghas-somma ta' sebgha u tletin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€37.27) *windbreakers*.

Illi b'sentenza fl-ismijjiet '***Il-Pulizija*** (*Spettur Mario Bonello*) vs ***Calcidiono Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca'***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Giovanni Grixti) fit-22 ta' Marzu, 2006, il-konvenuti gew misjuba hatja ta` l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom (Dok LZ1).

U billi l-atturi inkorrew ukoll spejjez ghal servizzi legali prestati lilhom mill-Avukat Dr. Joseph Bonnici in konnessjoni mal-kawza hawn fuq citata fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94).

U billi l-konvenuti gew interpellati sabex jersqu ghal hlas ta' danni kkagunati minnhom izda baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1) jiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha kkagunati lill-attur fl-incident li sehh fil-11 ta' Settembru, 2003 fil-Marsa ghal habta ta` l-4.00p.m.;

2) jikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u disghin Euro u sbatax-il centezmu

(€1,692.17), rapprezentanti danni kagunati lilhom mill-konvenuti kif hawn spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi, dawk ta` l-ittra bonarja datata 28 ta' Mejju, 2007 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mill-konvenuti fejn qalu illi:

1) preliminarjament l-azzjoni ta` l-atturi hija irritwali u nulla billi ma jirrikorrux l-elementi kollha mehtiega ghall-azzjoni kollettiva;

2) preliminarjament ukoll l-azzjoni taz-zewg atturi hija preskritta ai termini ta` l-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili u l-artikolu 688(e) u (f) tal-Kodici Kriminali;

3) illi fil-mertu, it-talbiet taz-zewg atturi huma wkoll infondati fil-fatt u fil-ligi. L-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma indipendenti minn xulxin u l-atturi ma jistghux jistriehu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bhala prova ta` l-allegazzjoni taghhom;

4) f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, kull attur ghandu jipprova konklussivament l-allegazzjoni tieghu kontra kull wiehed mill-konvenuti, inkluzi d-danni li jallega li garrab;

5) f'kull kaz ukoll, it-talba ghall-kundanna tat-tlett (3) konvenuti flimkien u solidalment bejniethom hija nfondati fil-fatt u fil-ligi u jekk ikun il-kaz, kull konvenut ghandu jbati biss ghall-azzjonijiet tieghu.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema' u ra x-xhieda ta' Joseph Axisa, George Bonello, Silvio Buttigieg, Joseph Spiteri, Dr. Christopher Saliba, Cyrl Gabaretta, Marie Fleur Gauci, Charles Camileri, Alfred Abela, Dr. Ethel Felice, Calcidonio Bilocca, Anglu Bilocca u Ivan Bilocca.

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ra illi fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2008, it-Tribunal ta sentenza in parte rigward it-tieni (2) eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fejn cahad it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut u ordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza. It-Tribunal iddecieda illi l-ispejjez ghas-sentenza ‘*in parte’* kienu ghall-konvenuti.

Ikkunsidra

Din il-kawza titratta dwar danni fuq allegati hsarat ikkagunati lill-atturi mill-konvenuti. Illi qabel ma gie trattat il-mertu, it-Tribunal sema’ l-provi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tal-konvenuti fejn intqal mill-konvenuti illi l-azzjoni taz-zewg (2) atturi hija preskritta ai termini ta` l-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili u l-artiklu 688(e) u (f) tal-Kodici Kriminali. It-Tribunal b’sentenza ‘*in parte’* cahad din l-eccezzjoni u l-kawza tkompliet bis-smiegh fil-mertu.

L-atturi allegaw illi fil-11 ta’ Settembru, 2003 ghal habta tal-4.00p.m., il-konvenuti allegatament hebbew ghall-atturi, ingurjawhom, dejquhom u ghamlulhom hsara u kkagunaw griehi ta’ natura hafifa, kissru l-*bon ordni* u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, qalu kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku u kkagunaw danni f’diversi hwejjeg mobbli ta` l-atturi fl-ammont tat-talba. Il-konvenuti cahdu l-allegazzjonijiet kollha maghmula fil-konfront taghhom kemm fil-fatt u fid-dritt.

Illi mill-provi tal-attur, Joseph Axisa, qal illi huwa kien ipparkja l-vettura tieghu qudiem il-garaxx tal-konvenuti, u kif appena kien wasal, harget wahda min-nisa tal-konvenuti u talbitu jsuq peress illi huwa kien qieghed jibblokkja ir-razzett tal-konvenuti. Joseph Axisa spjega kif ftit mumenti qabel huwa kien wassal lil terza persuni l-Marsa, u f’dak il-mument intalab iressaq il-vettura. Qal illi din it-terza persuna, li kien it-Tabib, kien qed johrog il-bagalja minn wara tal-karozza u ghalhekk ma setghax icaqalaq il-karozza. Illi f’daqqa wahda nizel ‘*driver’* minn gewwa trakk u avvicinah b’sikkina u beda jaghti daqqiet

ta’ sieq fuq il-vettura. Dan il-bniedem irrizulta li kien Anglu, wiehed mill-konvenuti. Mill-provi irrizulta illi Anglu kisser il-‘*windscreen’,* kif ukoll il-‘*windbreaker’* tal-vettura ta’ Jospeh Axisa. F’temp qasir gie avvicinat mill-istess mara fejn qaltlu: ‘… *ejja ha nhallsek.. .minn filghodu gietu hazina il-gurnata, ghax illum mietulu xi bhejjem.*’ Fuq il-post kien hemm certu Silvio Buttigieg, li ssuggerixxa illi jcempel lill-missier Anglu, sabiex jigi u jirranga mieghu u jara x’kellu jaghtih ghal hsara maghmula lilu. Meta wasal Calcidinio, missier Anglu, fuq il-post tal-incident, offra li jhallas ghal nofs l-ispejjez, izda Joseph Axisa rrifjuta. Fil-pront Calcidinio qabad jaghtih u gie segwit minn Ivan u Anglu. Waqt il-glieda rcieva daqqiet ta’ ponn u kien cert illi l-hsarat fin-nuccali ghamluhomlu Calcidonio u Ivan Bilocca, u illi l-gizirana kienet giet migbuda minn ghonqu minn Ivan Bilocca. L-attur Joseph Axisa ikkonferma l-ispejjez fl-ammont ta’ seba’ mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin centezmi (€791.99) katina tad-deheb, mija u erbgha u tmenin Euro u zewg centezmi (€184.02) par nuccali, hamsa u erbghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€45.42) servizzi medici minn Dr. Christopher Saliba u Dr. Ethel Felice, mija u tnax-il Euro u wiehed u hamsin centezmi (€112.51) kiri ta’ vettura, mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€194.85) ‘*windscreen’*, tlieta u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€93.17) tapizzar, sebgha u tletin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€37.27) ‘*windbreakers’,* fl-ammont totali ta’ elf, erba’ mija u disgha u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,459.23).

In kontro ezami, l-attur Joseph Axisa, xehed illi l-van kien tat-tifel, Shaun, izda kien qieghed isuqu hu. Qal illi ma kienx spjega quddiem il-Qorti Kriminali min mill-konvenuti kien qatghalu l-katina, ghaliex dik id-domanda ma kienetx mposta lilu f’dawk il-proceduri.

Ix-xhud George Bonello xehed illi fil-11 ta’ Settembru, 2003 ghal habta tal-4.00p.m., kien il-Marsa hdejn l-istallel taz-zwiemel u nnota li kien hemm glieda ghaddejja. Kien avvicina lil Anglu Bilocca u kien qallu: ‘*dan l-inkwiet x’tambieh?’*, u wiegbu illi dak il-jum kienu qeghdin imutulu l-hniezer u li kien qieghed jibki. F’dak il-hin kien innota illi

Joseph Axisa kellu l-*windscreen* tal-vettura tieghu mkissra. Ftit hin wara giet omm Anglu Bilocca u offriet li thallas ghall-ispejjez. Fuq il-post kien hemm ukoll certu Silvio Buttigieg. Stennew li jasal missier Anglu, u meta gie Calcidonio dan offra li jhallas nofs l-ispejjez. Malli Joseph Axisa ma accettax li jithallas nofs l-ispejjez, Calcidonio u Ivan Bilocca qabbdu jaghtuh. Illi ra lit-tlett (3) konvenuti jsawtu lil Joseph Axisa.

Mix-xhieda ta' Silvio Buttigieg irrizulta illi huwa kien jaf liz-zewg (2) partijiet u fil-gurnata ta' dan l-incident inqalghet glieda l-Marsa, meta Joseph Axisa kien ipparkjat quddiem ir-remissa ta' Anglu Bilocca. Fil-pront hareg Anglu mir-remissa u inqalghet glieda. Huwa pprova jikkalma s-sitwazzjoni u gibed lil Anglu 'l boghod mill-vettura ta' l-attur Joseph Axisa. Huwa ra lil Anglu jaghti daqqiet lill-vettura, u li sahansitra kissirlu l-hgiega tal-vettura. Qal ukoll illi t-tifel kellu sikkina f'idejh, izda ma rahx ixejjer is-sikkina lejn Joseph Axisa. Ix-xhud cempel lill-missier Anglu peress illi kien jafu, sabiex jinzel il-Marsa ghaliex ibnu kellu xi jghid. Kif wasal Calcidonio beda jghajjat. Huwa fil-post ra illi l-attur kellu xi daqqiet, izda ma rax iktar hsarat f'dak il-hin. Qal ukoll illi wara sar jaf illi Joseph Axisa kien tilef xi gizirana. Ix-xhud qal illi pprova jintervjeni ulterjorment sabiex igiblu xi flus, izda ma rnexxielux.

Illi t-Tirbunal jirrilleva illi kien hemm oggezzjoni minn naha tal-konvenuti sabiex jigi allegat l-process fil-kawza Kriminali fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Calcedonio Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca'***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Marzu, 2006, u jkunu ezebiti r-ricevuti originali tad-danni mitluba. It-Tribunal ra illi gew ezebiti fotokopji tar-ricevuti diga ezebiti fil-kawza kriminali u fuq insistenza tal-avukat tal-konvenuti, ittellghu l-awturi tar-ricevuti sabiex jikkonfermawhom. Illi l-uniku xhud li ma ttellghax kien rapprezentant tas-socjeta Euro Gold Ltd., peress illi ntqal mill-attur Joseph Axisa li s-socjeta' Eurogold Ltd. m'ghadhiex topera u dan il-fatt ma giex ikkontestat mill-konvenuti. Illi t-Tribunal jemmen illi huwa minnu illi s-socjeta' Eurogold Limited hija llum xolta. Illi t-Tribunal, minkejja illi dan id-dokument ma giex ikkonfermat, peress

illi llum is-socjeta’ tinsab xolta, ser jaccetta il-kontenut ta’ din il-kopja ta’ dan id-dokument, li *d’altronde* ittiehdet mill-kopja originali li kienet tinsab fil-process tal-kawza kriminali deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Giovanni Grixti) fit-22 ta’ Marzu, 2006.

Illi ngabu x-xhieda kollha sabiex jikkonfermaw ir-ricevuti li gew fotokopjati mill-process, li kien hemm fil-proceduri li nstemghu fil-kawza hawn fuq imsemmija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Illi x-xhieda kollha kkonfermaw ir-ricevuti li kienu juru liri Maltin.

L-ewwel xhud, Joseph Spiteri kkonferma d-dokument kif ezebit u li r-ricevuta ghal kiri ta’ vettura kienet mahruga minnu. Qal illi fir-ricevuta tal-vettura mikrija hemm imsemmijin kemm Jospeh Axisa u Shaun Axisa, peress illi l-vettura kienet tinsaq mit-tnejn. Illi Dr. Christopher Saliba M.D., ikkonferma ricevuta mahruga minnu fis-somma ta’ erba’ liri Maltin u hamsin centezmu (Lm4.50), ekwivalenti ghal ghaxar Euro u tmienja u erbghin centezmi (€10.48), bhala vista tieghu, Dr. Ethel Felice, Psikjatra ikkonfermat ricevuta mahruga minnha fl-ammont ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15), ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€34.94) bhala ‘*consultancy fee’*. Illi ntqal min dan ix-xhud illi Joseph Axisa kien mar ghandha bl-ilmenti tas-sintomi miktubin fir-certifikat taghha u tatu kors ta’ pilloli. Is-sintomi kienu jikkorispondu ghal dak li kien iddeskriva Joseph Axisa li kien ghadda minnu.

Xehed Cyril Gabaretta, bhala ‘*Managing Director’* tal-Optika Ltd., fejn ikkonferma r-ricevuta maghmula minnu fl-ammont ta’ disgha u sebghin liri Maltin (Lm 79), ekwivalenti ghal mija u erbgha u tmenin Euro u zewg centezmi (€184.02), ghal nuccali.

Illi Charles Camilleri, ‘*Manager’* ma’ Industrial Motors Limited, ikkonferma d-dokument ezebit mill-attur u li jirraprezenta bejgh ta’ ‘*windscreen’* ta’ Mitsubishi van.

Illi Alfred Abela, tapizzar, ikkonferma illi huwa kien wahhal il-'*windscreen'* ta' quddiem u kkonferma r-ricevuta tieghu fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40), ekwivalenti ghal tlieta u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€93.17) li jinkludu '*parts'* u '*labour'*.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi l-uniku dokument li ma giex ikkonfermat, kien id-dokument fuq '*letterhead'* ta' socjeta', li nghad li llum mhux ezistenti, ta' Eurogold Ltd., indirizzata lil Mr. Joe Axisa ghal '1 *chain* 18 ct *gold for three hundred forty Maltese liri* (Lm340)', ekwivalenti ghal seba' mija u wiehed u disghin Euro u disgha u disghin centezmi (€791.99), datata 2 ta' April, 1990. Illi t-Tribunal jirrilleva illi din m'hijiex ricevuta, izda tidher illi tista' tkun stima ta' katina tad-deheb.

Skont ix-xhieda ta' Calcidonio Bilocca, qal illi huwa kien ircieva telefonata sabiex jinzel il-Marsa fil-gurnata tal-incident. Sab sitwazzjoni kalma. Ra illi kien hemm Silvio Buttigieg, Tabib, Joseph Axisa, izda hadd mill-konvenuti l-ohra. Ra illi l-vann ta' Axisa kellu l-'*windscreen'* imkisser. Ra illi kien hemm xi hniezer mejtin ma' l-art u sema' li inqalgha l-inkwiet meta Axisa ma nehhiex il-vettura minn quddiem il-mahzen, fejn ibnu kien ilu jghabbi t-tigieg u l-hniezer il-gurnata shiha u jaf illi kien ippressat bix-xoghol tal-lejl ta' qabel. Huwa hass illi Axisa ikkontribwixxa ghall-agir ta' ibnu. *Di piu*, qal illi minhabba l-agir ta' Axisa, li ma mexxiex il-van, kienet inqalghet glieda u ghalhekk offra li l-ispejjez jinqassmu. Kif qallu dan id-diskors, Axisa beda jghajjat u fetah idejh f'wiccu u fil-pront bdiet rissa ohra. Calcidonio Bilocca qal illi ssemmiet il-katina, izda ibnu qallu illi huwa ma kienx hadielu. Ix-xhud ikkonkluda illi l-incident sehh tort tal-attur, ghaliex ma kellux jipparkja quddiem ir-razzett fejn kien qieghed jahdem ibnu. Qal ukoll illi meta wasal hu, l-van kien ghadu pparkjat quddiem ir-razzett. Ix-xhud ma eskludiex illi setgha tajjarlu n-nuccali min ma wiccu, izda sa dak il-hin stqarr illi kemm Angelo u kemm Ivan ma kienux prezenti.

Fix-xhieda ta' Angelo Bilocca intqal illi huwa kien ilu lejl shih jahdem fir-razzett u sabiex ma jhalliex il-hniezer fis-shana, ried jghabbihom mill-ewwel fil-van tieghu, izda kien

ra illi l-vettura ta' Axisa kienet ipparkjata quddiem il-bieb tieghu u ommu harget sabiex tghidlu jressaq il-vetura tieghu sabiex ikun jista' johrog il-bhejjem. Izda Axisa baqa' ma saqlux u ma tax kasu u ghalhekk ta daqqa' fuq il-'*windscreen'* li kien tkisser, izda xorta wahda Axisa ma saqx u ma harigx minn gol-van. In kontro ezami qal illi huwa ma kien ta l-ebda daqqa ta' ponn lil Axisa.

Mix-xhieda ta' Ivan Bilocca rrizulta illi huwa ma kien jaf xejn bl-ewwel parti tal-incident, izda meta kien wasal hu fuq il-post ra illi kien hemm Axisa u missieru. Qal illi huwa kien imbuttah fuq il-van, izda ma kienx missu oltre, ghalkemm qal ukoll illi ma jeskludiex illi meta f'dak il-hin ra lil-missieru f'dik is-sitwazzjoni seta' jkun illi kien xi ftit nervuz. Qal ukoll illi meta wasal fuq il-post sema' lil Axisa jghajjat u ra lill-missieru imwarrab hdejn ir-razzett. Qal ukoll illi ma rax illi Axisa kellu xi griehi.

It-Tribunal jirrilleva illi wara li sema' l-provi u ra d-dokumenti ezebiti in atti, jasal ghall-konkluzjoni illi kien hemm incident wiehed li sehh f'temp ta' mhux aktar minn siegha. Illi fil-bidu inqala' xi disgwid meta Joseph Axisa kien ipparkjat quddiem ir-razzett tal-konvenut u Angelo Bilocca kellu bzonn johrog il-bhejjem u Axisa ma caqlaqx il-vettura immedjatament bir-rizultat illi Angelo Bilocca uza l-forza t' idejh minflok uza l-kelma t-tajba. Illi sussegwentement tfacca fuq il-post tal-incident Calcidonio Bilocca, missier Anglu. Dan gie msejjah sabiex jikkalma s-sitwazzjoni, izda minflok is-sitwazzjoni aggravat ruhha u regghu gew fl-idejn.

Illi wara li ra u sema' x-xhieda, t-Tribunal isib illi x-xhieda l-aktar attendibbli kienu George Bonello u Silvio Buttigieg. Illi filwaqt illi George Bonello kien car fix-xhieda tieghu, Silvio Butiigieg qaghad ftit lura minhabba l-fatt illi huwa kien jaf lit-tnejn. Izda minkejja illi qaghad lura fix-xhieda tieghu, huwa kkonferma illi kellu jigbed lil Anglu 'l boghod minn Axisa, u rah jaghti lil Axisa daqqiet ta' ponn u li kissirlu l-'*windscreen'*. Deherlu wkoll fic-cirkostanzi illi kellu jibghat ghal Calcidonio, izda dan ta' l-ahhar minflok ikkalma s-sitwazzjoni pjuttost aggravaha.

Illi dan il-kaz huwa partikolari. Illi ghalkemm kien hemm incident wiehed, it-Tribunal huwa f'posizzjoni illi jatribwixxi responsabbilita' ghal hsarat li sofra Axisa fuqu personalment kif ukoll fuq il-vettura ta' ibnu Shaun Axisa.

It-Tribunal jikkonkludi billi '*arbitrio boni viri*' jillikwida d-danni u jaqsamhom f'zewg partijiet, precizament kif irrizulta dan l-incident, fejn l-attur Axisa gie aggredit l-ewwel minn Anglu wahdu u sussegwenetement mill-ahwa Bilocca u minn missierhom. Illi gie ppruvat minghajr ebda dubju illi Angelo, wahdu, huwa resposnabbli ghal hsarat tal-vettura izda fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti kollha huma responsabbli ghal hsarat l-ohra.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-kumulu ta' azzjonijiet f'gudizzju wiehed huwa possibli kontra pluralita' ta' konvenuti. Illi fil-kaz in ezami jezisti *ness guridiku* bejn l-azzjonijiet li sehhew u t-Tribunal huwa sodisfatt illi fl-istess gudizzju kien hemm konnessjoni. Illi ghalkemm il-kwistjoni t'azzjoni kollettiva giet dibattuta kemm-il darba fid-dottrina nostrana mhux dejjem giet rizolta xorta wahda. Illi t-Tribunal fil-kaz in ezami, huwa sodisfatt illi jezisti *ness guridiku* fl-azzjoni kollettiva tal-atturi u ghaldaqstant jezistu l-elementi kolha mehtiega skont il-gurisprudenza nostrana sabiex tirnexxi azzjoni bhal din li ghandu quddiemu t-Tribunal.

Illi t-Tribunal huwa konxju mid-dettami tal-ligi fejn l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma ndeiendenti minn xulxin u ghaldaqstant, it-Tribunal m'huwiex ser jistrieh fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bhala prova tal-allegazzjoni taghhom, izda ser jistrieh unikament u inekwovikament fuq il-provi li ngabu quddiemu. Illi t-Tribunal fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u minhabba l-mod kif svolgew il-fatti, m'huwiex ser jikkundanna it-tlett (3) konvenuti flimkien u solidament bejniethom, izda ser jalloka responsabbilita' ghad-danni skont il-provi migjuba quddiemu. Illi t-Tribunal huwa konvint illi fil-kaz in ezami l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom u l-konvenuti ghandhom ibatu ghall-ispejjez skont min hu responsabbli ghal tali hsarat.

Illi fil-fehma tat-Tribunal gie ppruvat, minghajr ebda xaqq ta’ dubju, illi l-hsarat fuq il-vettura, appartenenti lill-attur Shaun Axisa, kien ikkagunahom Anglu Bilocca u wahdu ghandu jirrispondi ghal tali danni, u cioe’ mija u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€112.50) kiri ta’ vettura, tlieta u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€93.17) tapizzar, mija u erbgha u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€194.85) ‘*windscreen’*, tnejn u tletin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€32.27) ‘*spare parts’,* u cioe’ komplessivament ghandu ihallas ghalihom Anglu Bilocca, u cioe’ komplessivament fis-somma ta’ erba’ mija u tmienja u tletin Euro (€438.00). Illi fil-fehma tat-Tribunal ghalkemm jidhirlu illi l-attur ipprova d-danni kollha ma jhossx illi fir-rogward tal-katina giet ezebita xi fattura jew ricevuta izda biss stima mahruga ferm qabel id-datta ta’ l-incident. Illi mnhabba l-fatt illi id-dokumenti prezentati in atti rigwardanti l-katina ma gewx ikkonfermati minhabba l-fatt illi s-socjeta’ Eurogold Ltd ma ghadiex tezisti, u fil-waqt illi jemmen lill-attur Joseph Bilocca meta jghid illi huwa kellu katina fuqu li ntilfet fir-rissa ma jhossx illi jista’ jakkorda s-somma ghall-katina mitluba fl-intier taghha u ghalhekk ha jirriduci ‘*arbitrio bon viri* ‘ l-ammont mitlub ghall-katina fis-somma ridotta ta’ €396 gja LM170. Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi illi l-konvenuti lkoll flimkien huma debituri lejn l-attur Joseph Bilocca fis-somma rimanenti fl-ammont ta’ sitt mija hamsa u ghoxrin Euro u tlieta u erbghin centezmi (€625.43) u cioe’ il-katina fis-somma kif ridotta , in-nuccali gdid u l-visti tat-tobba ghandhom jithallsu bejn it-tlett (3) konvenuti fi kwoti ndaqs, peress illi ma giex stabbilit min mit-tlett (3) konvenuti kien kkawza ir-rimanenti danni mitluba u ghalhekk ghandhom ibatu l-ispejjez tad-danni kkagunati bejniethom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi b’sens ta’ gustizzja u ekwita’ *arbitrio boni viri* jillikwida d-danni fl-ammont ta’ sitt mija hamsa u ghoxrin Euro u tlieta u erbghin centezmi (€625.43), li ghandhom jigu mhallsa bejn it-tlett (3) konvenuti solidament lill-attur Joseph Axisa ghad-danni personali li sofra, u s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tletin Euro u disgha u disghin centezmi (€437.99) ghandhom jithallsu unikament mill-konvenut

Anglu Bilocca lill-attur Shaun Axisa ghall-hsarat fil-vettura tieghu. Illi l-ammont ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) spejjez ta’ l-Avukat ma gewx ippruvati u ghalhekk m’ghandhomx jithallsu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici ‘*in parte’* u jikkundanna l-konvenuti jhallsu limitatament is-somma  ta’ elf u sittin Euro u sbatax-il centezmi (€1,063.42) u dana billi s-somma ta’ sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u tlieta u erbghin centezmi (€625.43) ghandhom jigu mhallsa bejn it-tlett (3) konvenuti flimkien lill-atturi u s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tletin Euro u disgha u disghin centezmi (€437.99) ghandhom jithallsu separatament u unikament  mill-konvenut Anglu Bilocca lill-atturi bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------